KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SEBA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 7

Is-seba laqgħa tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema inżammet il-Ħamis 23 ta' Awwissu 2012 fis-6.20pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Silvio Zammit | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Kristian Busietta | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Pierre Paul Portelli | Kunsillier |
| | Mary Camilleri | Kunsillier (daħlet fis-18 :26) |
| | John Pillow | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Paul Gatt | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |
| **Skużati** | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | Nicolai Gauci | Kunsillier |

*Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill offra t-talba ta' qabel is-seduta għar-ruħ l-ex-Prim Ministru Duminku Mintoff li miet dik il-ġimgħa stess.*

*Il-Kunsilliera Marianne Aquilina irringrazzjat lill-Kunsill kollu tal-kondoljanzi li l-Kunsill ta' wara l-mewt ta' missiera.*

*Is-Sindku appella biex kemm jista jkun kulħadd ikun konċiż matul il-laqgħa u kulħadd jagħti ċans lil kull membru jgħid l-affarijiet tiegħu.*

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu meqjusa moqrija.

1.2 Il-Kunsillier Paul Radmilli talab li ma' dawn il-minuti jiġi anness id-dokument dwar is-sistema tal-iskart li kien ippreżenta waqt l-aħħar laqgħa. Saret l-emmenda 'Doc A' anness f'punt 6 tal-aħħar seduta. Kien hemm qbil dwar dan. *Emenda biex ikun anness dokument.*

1.3 Wara konsiderazzjoni u l-korrezzjoni l-Kunsilliera preżenti approvaw l-minuti *nem con*. *Approvazzjoni tal-minuti*

1.4 Il-Kunsillier Michael Briguglio informa li l-*bin* li kien twaħħal fi Triq il-Knisja inqala' u talab li jerġa jitpoġġa. Il-Kunsillier Busietta infurmah li kien ippjanat li jkun installat mill-ġdid il-ġimgħa ta' wara. *Litter bin ħdejn St Benilds School.*

1.5 Il-Kunsillier P. Radmilli staqsa għalfejn ir-rapport dwar il-mobilità se jiġi mressaq l-AKL. Is-Sindku wieġeb li l-AKL se torganizza *seminar* għall-Kunsilli kollha u dan ir-rapport se jiġi ppreżentat lil kulħadd. *Mobility report.*

## 2. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU/KORRISPONDENZA

2.1 Is-Sindku informa li kien ġie avviċinat minn familjari ta' Johnny Navarro fejn urew ix-xewqa li jitwaqqaf monument f'ġieħ Johnny Navarro li kien attur Slimiż u magħruf ħafna fuq il-palk Malti. Il-familjari qalu li din tkun spejjeż tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandu jgħin lill-familjari biex isibu post addatat f'Tas-Sliema. Is-Sindku qal li huma għamlu l-istatwa diġa u xtaqu li titpoġġa fi Triq Bisazza fejn il-funtana. Il-Kunsilliera Mary Camillieri ssuġġeriet li jitpoġġa fejn is-Sależjani filwaqt li l-Kunsillier John Pillow issuġġerrixxa li jitpoġġa fi Triq Bisazza n-naħa ta' fuq. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob għad-disinn ta' din l-istatwa li għamlu, ħalli jinstab l-aħjar post. Sadanitant il-Kunsilli għandu jikkonsulta mal-Bord tal-monumenti. *Monument f'ġieħ Johnny Navarro*

2.2 Is-Sindku informa li l-MEPA talbu għal rakkomandazzjoni mill-Kunsill dwar tibdil fi Triq Parisio u jekk il-Kunsill jaqbilx li din it-triq issir waħda u li jkun hemm konnessjoni permess ta' taraġ. Il-Kunsilliera Marianne Aquilina taqbel li għanda ssir konsultazzjoni mar-residenti stess kif ukoll ma' nies professjonali. Il-Kunsillier Michael Briguglio jaqbel ma' dan però żied jgħid li jekk filkaż ninfurmaw lir-residenti ta' madwar li hemm dan il-pjan u nitolbu għall-kummenti tagħhom biss u mhux jekk sempliċiment jaqblux jew le. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lir-residenti tat-toroq Ganni Bencini, Viani, Moroni u Parisio fejn intuhom ġimgħatejn ċans għall-kummenti tagħhom. *Triq Parisio*

## 3. ĦLAS TA' KONTIJIET U APPROVAZZJONI TA' XIRI/ORDNIJIET

3.1 Il-Kunsillier Kris Busietta staqsa dwar kif jiġu ppreżentati l-figuri biex il-Kunsill ikun jista jordna x-xogħlijiet u jekk humiex skont il-kuntratti jew ħlas addizzjonali. L-a/SE informa li l-Kunsill jimxi skont ir-regolamenti tat-tenders, kwotazzjonijiet, deċiżjoni tal-Kunsill u fuq kollox dejjem skont il-kuntratti li jkollu li jew ikunu rati fix-xahar jew inkella jkunu kuntratti bir-rati u x-xogħol jitħallas skont ir-rati stabbiliti. *Sistema ta' ordnijiet ta' xogħol.*

3.2 L-a/SE informa li xi snin ilu l-Kunsill, flimkien ma' Kunsilli Lokali oħra, daħal fi ftehim mal-AKL sabiex ikunu jistgħu jinġabru l-flus li l-Kunsill jirċievi kuljum mil-kumpanija *Security Services*. Ġejna nfurmati mill-AKL li dan il-ftehim kien skada u għalhekk m'għadux fis-seħħ. Sadanitant il-Kunsill irċieva ittra minn *Security Services* għaliex ir-rata għal kull sejħa titla' għal Euro 14.85 fejn qabel din kienet Euro 6.41. Is-Sindku qal li għandu jressaq dan is-suġġett fl-ewwel laqgħa li jkollu mal-kumitat reġjonali taċ- *Ġbir ta' flus mill-Kunsill biex ikunu depożitati minn aġenziji tas-sigurtà.*

ċitazzjonijiet biex forsi jintlaħaq ftehim għal prezz aħjar. Sadanitant il-Kunsill unanimament qabel li jibqa' jħallas skont it-talba tas-*Security Services.*

3.3 Il-Kunsillier K. Busietta irrefera għar-rapport tad-dħul li ġie ppreżentat lill-Kunsilliera fejn irrimarka li d-dħul mir-reġjuni tal-LES huwa veru ftit u staqsa jekk il-Kunsill jistax jagħmel xi ħaġa. Ġie spjegat li ħafna minn dawn il-kumitati għadhom m'humiex qegħdin jiffunzjonaw tajjeb u għalhekk waqgħu lura fil-ħlasijiet. Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsilli l-oħra li hemm fil-kumitat ma jagħtux ċitazzjonijiet daqs kemm jagħtu f'Tas-Sliema ħlief San Giljan. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jekk hemm bżonn nistaqsu għall-aktar gwardjani biex iduru madwar Tas-Sliema, aktar milli jkollhom il-Kunsilli oħra. Il-Viċi Sindku staqsa jistgħux jiffinzzjaw xi ħaġa lill-Kunsill. L-a/SE qal li jekk jiżdiedu aktar gwardjani se jiżdiedu aktar spejjeż fuq il-Kunsill. Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li ssir talba biex jiffinanzjaw it-tabelli peress li minħabba l-baħar dawn iridu jinbiddlu ta' spiss. *Dħul mil-LES*

3.4 Is-Sindku ippropona li għandu jressaq il-proposta biex il-kumitat reġjonali jiffinanzja t-tabelli fl-ewwel laqgħa tal-kumitat li jkollu. Il-Viċi Sindku issekonda. Kien hemm qbil fost il-Kunsillieri preżenti. *Finanzjament tat-tabelli mill-Kumitat Reġjonali.*

3.5 L-iskeda tal-pagamenti ta' din is-seduta ġiet approvata kollha b'mod unanimu fost il-Kunsillieri preżenti. *Approvazzjoni tal-skeda ta' pagamenti*

3.6 Il-Kunsillier John Pillow staqsa jekk hemmx kontroll dwar l-*items* li jinġabbru tal-*bulky refuse*. L-a/SE qal li fir-realtà m'hemmx kontroll għalkemm il-Kunsill jirċievi rapport kull xahar tal-indirizzi u l-persuni li jitolbu għal dan is-servizz. *Ġbir ta' skart goff.*

## 3a. XIRI/KIRI TA' *PHOTOCOPIER*

3a.1 l-a/SE informa li din qegħda f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv li se jibda jaħdem b'mod uffiċċjali fis-27 ta' Awissu 2012. Però jidher li l-aħjar li tinħareġ sejħa għall-offerti ħalli l-Kunsill ikun jista' jagħmel l-evalwazzjoni dwar jekk tinxtarax jew tinkeriex. *Offerti Photocopier.*

3a.2 Il-Kunsillier M. Briguglio ippropona biex fil-Bord għall-aġġudikazzjoni jkun hemm ukoll l-*accountant* minħabba d-*depreciation* u affarijiet oħra relattati ma' spejjeż. *Bord tal-aġġudikazzjoni – offerti photocopier.*

*Il-Kunsilliera M. Aquilina ġiet skużata li titlaq mis-seduta fis-19.21*

## 3b. XIRI TA' PLANTERS LI JITWAĦĦLU MAL-POLES

3b.1 Il-Kunsillier J. Pillow informa li l-Kunsill irċieva kwotazzjoni għal *planters on lamposts*. Il-Kunsilliera M. Camilleri staqsiet dwar il-manutenzjoni li dawn ikollhom bżonn. Is-Sindku talab li għalissa din għandha tinżamm *on hold* sakemm ikunu stabbiliti spejjeż oħra li se jidħol għalihom il-Kunsill. *Planters ma' arbli.*

*Il-Kunsill qabel li jipposponu l-agenda u jmorru għal item 5 fuq l-aġenda 'Is-*

*Sitwazzjoni tat-tindif.*

## 4. IS-SITWAZZJONI TAT-TINDIF TAT-TOROQ

4.1 Is-Sindku qal li *Cleansing Services Directorate* infurmaw li huma mhumiex lesti li jkomplu bis-servizz tal-knis minħabba d-diffikultajiet li qegħdin jiltaqgħu magħhom minħabba nuqqas ta' ħaddiema. Dan l-istess dipartiment offra li jżomm ir-responsabbiltà tan-naħa tal-*promenade* spejjeż tiegħu. *Terminazzjoni tas-servizz tal-knis.*

4.2 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li rridu noħorġu t-tender għall-knis b'urġenza biex ma ninqabbdux bla servizz. Qal ukoll li l-*cut off* date kienet se tkun l-1 t' Ottubru 2012 iżda kkonċedew li jdumu aktar sakemm jingħata kuntratt ġdid.

*Il-Kunsillier J. Pillow ħareġ ftit mis-seduta fis-19.36pm*

4.3 L-a/SE wiegħed li jgħaddi kopja ta' kuntratt li jaħdem bih il-Kunsill Lokali Naxxar. Is-Sindku qabel u żied li però rridu naċċertaw li l-ispeċifikazzjonijiet ikunu addattati għal Tas-Sliema.

*Daħal lura l-Kunsillier J. Pillow għas-seduta fis-19.30pm*

4.4 Il-Kunsill ġie infurmat li din it-tender se jidħol fiha s-Segretarju Eżekuttiv M. Dimech. Madankollu s-Sindku qal li l-a/SE preżenti se jkun qiegħed jimxi id f'id mas-Segretraju Eżekuttiv li se jkollna dalwaqt.

4.5 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li peress li dawn iż-żewġ kuntratti tal-ġbir ta' skart kif ukoll tat-tindif tat-toroq ġew 'imposti' fuq il-Kunsill f'qasir żmien il-Kunsill għandu jitlob lill-Ministeru tal-Finanzi għal żieda fl-allokazzjoni. L-a/SE qal li din taf tkun għalxejn għaliex l-istess sitwazzjoni ilhom li għaddew minnha kważi l-Kunsilli kollha. Fakkar li jista' jkun li l-ispiża ma titlax ħafna aktar milli jħallas il-Kunsill fil-preżent. Hu ssuġġerixxa li jekk il-Kunsill għandu jikteb, jikteb dwar il-manutenzjoni ta' Ġnien Bonello Dupuis li se jgħaddi f'idejn il-Kunsill mingħajr ma kellu kontroll fuqu li l-ispiża tiegħu hija kbira ħafna. *Talba għal żieda fl-allokazzjoni finanzjarja.*

4.6 F'dak il-ħin il-Kunsill iddikjara li fil-futur qrib għandu jidħol fid-dettall dwar il-kuntratt tal-*contracts manager.* *Contracts Manager.*

## 5. RAPPORTI MIS-SOTTO KUMITATI

5.1 Is-Sindku irrapporta li s-sitwazzjoni ftit li xejn inbidlet filwaqt li l-periklu għadu hemm.

5.2 Il-Kunsill iddiskuta min se jieħu r-responsabbilta għal każ ta' culvert li hemm perikoluż. *Urġenza minħabba culvert sfrundat fi Triq Qui Si Sana*

*Il-Kunsillier J. Pillow ħareġ ftit mis-seduta fit-20:16*

5.3 Il-Kunsillier K. Busietta qal li l-Kunsill m'għandux iħallas spejjeż għal xogħol ħażin li għamel ħaddieħor. Il-Kunsillier P. Radmilli ippropona li l-Kunsill jagħti tlett ijiem ċans u jekk ix-xogħol ma jsirx, issir mill-Kunsill u jitnaqqas mil-kont.

*Daħal lura għas-seduta l-Kunsillier J. Pillow fit-20:20*

5.4 L-a/SE qal li l-Kunsill għandu jinvolvi lil Polidano u jaqbel mad-*deadline* li semma l-Kunsillier Radmilli, kif ukoll li l-Kunsill jista' jitfa' r-responsabbilita fuq TM u ninvolvu l-perit tagħna għaċ-ċertifikazzjoni ta' periklu.

5.5 Il-Kunsillier P. Radmilli staqsa għandniex bżonn ta' rapport mill-perit jekk jidher ċar bir-ritratti li hemm periklu. Il-Kunsillier K. Busietta qal li mingħajr ċertifikazzjoni ma nistgħux niġbru l-flus f'każ li l-Kunsill ikollu jagħmel it-tiswijiet neċessarji.

*Ċertifikazzjoni tal-ħsara mill-Periti.*

5.7 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li ma jistax jifhem għaliex il-Kunsill qiegħed iżomm lura li jqabbad ix-xogħol lill-perit tal-Kunsill. Fakkar ukoll li kien hemm żmien fejn il-Kunsill kien keċċa perit għaliex ma kienx jagħmel xogħol kif meħtieġ. L-a/SE saħaq li huwa importanti li jkollna rapport mill-perit tal-Kunsill.

5.8 L-a/SE ċempel lill-perit tal-Kunsill dak il-ħin stess tas-seduta u spjegalu l-urġenza tax-xogħol u l-periklu li hemm fi Qui Si Sana minħabba li tista' tissfronda biċċa mit-triq minn ħin għal ieħor. L-a/SE qal li dak il-ħin il-perit David Vassallo qallu li l'għada filgħodu se jċempel lill-Perit Edric Micallef ta' Transport Malta biex iqabbad perit tal-emerġenza u jmur fuq il-post. Il-Kunsill għandu jibgħat email ukoll.

5.9 Il-Viċi Sindku ressaq punt li ġie diskuss fis-sotto kumitat tat-traffiku fejn issuġġerrew li l-ħinijiet fuq it-tabelli tal-*un/loading* isiru kollha ħin wieħed bejn 0800-1400 b'hekk ikun hemm aktar spazju għall-*parking bays*. Il-Kunsill qabel.

*Un/Loading bays isiru ħin wieħed*

5.10 Il-Viċi Sindku qal li s-sotto kumitat tiegħu ippropona li Triq Gorg Borg Olivier tiġi *one way* l'isfel u Triq Amery tiġi *one way* 'il fuq minħabba l-konġestjoni li qiegħed ikun hemm fi Triq il-Kbira. Il-Viċi Sindku qal li f'dan il-każ trid tiġi riveduta r-rotta 110 fejn Arriva tintalab tinżel minn Triq Borġ Olivier u toħroġ minn Windsor Terrace (Minn quddiem il-*gelateria*). Il-Kunsill qabel li għandha tintbgħat ittra lir-residenti u l-ħwienet ta' madwar x'qiegħed jissuġġerixxi l-Kunsill u bi pjanta proposta fejn eventwalment ir-residenti jkunu jistgħu jibgħatu l-kummenti tagħhom. Sadanittant l-a/SE fakkar li din il-proposta trid tiġi mressqa u approvata mit-TM ukoll. L-ittra għandha tintbagħat lir-residenti, ħwienet, *supermarkets* kif ukoll lukandi ta' dawn it-toroq: Gorg Borg Olivier, Stella Maris, Howard, Victoria Junction u Capua.

*Tibdil fis-sistema tat-traffiku – Triq Ġ Borg Olivier u Triq Amery.*

5.11 Il-Viċi Sindku qal li kif kien miftiehem f'seduta preċedenti, is-Sur Pace Gouder ippreżenta pjanta ta' kif tista' tinqasam iż-żona Taormina. Il-pjanta proposta tindika li jista' jkun hemm: ħames *parking bays* li jkunu għal

*Proposta għall-parkeġġ taż-żona Taormina*

siegħa biss, jitħalla aċċess għalll-ambulanza, *un/loading bay* għal karru tad-dgħajsa. Il-Kunsillier M. Briguglio sostna li hemm bżonn li tkun ċara li t-tabella tkun kemm għal sidien tal-garaxxijiet kif ukoll għas-sajjieda. Ikun hemm tabella li ma jistax jkun hemm min jixxemmex fuq il-pont tas-sajjieda. Jitpoġġew ukoll *cat's eyes* fuq il-pont. Kien hemm qbil dwar din il-proposta fost il-Kunsilliera preżenti.

*Il-Kunsillier K. Busietta ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fid-21.12*

5.12 Il-Viċi Sindku qal ukoll li s-sotto kumitat tat-traffiku tkellem dwar l-RPZ. Il-Kunsill ġie infurmat li din se tinvolvi *stickers* għal fuq il-karrozzi, 50 % ta' kull triq f'Tas-Sliema fejn irid ikun hemm it-tabelli biex jindikaw dan li se jkunu mit-Tnejn sal-Ħadd għal sagħtejn u skont *legal notice* li diġà hemm. *Residents Parking Zones.*

5.13 L-a/SE staqsa jekk il-Kunsill jistax ikollu stima ta' kemm se tiġi tiswa minħabba l-ammont ta' tabelli li l-Kunsill irid ipoġġi. Il-Viċi Sindku qal li wieħed irid jistenna sakemm jiġi finalizzat il-proċess tat-tender fejn naraw il-prezzijiet u l-Kunsill ikun jista' jikkalkula. Il-Kunsill irid jara kull triq fuq liema naħa se jitpoġġew it-tabelli għaliex dik tagħmel differenza fl-ammonti ta' tabelli.

5.14 Il-Viċi Sindku qal li huwa importanti li l-Kunsill javża meta jinbeda dan il-proġett permezz ta' konferenza stampa. Il-Kunsill għandu jipprepera *leaflet* bi programm tad-dati kif se jinbeda l-proċess. Il-Kunsillier P. Portelli għandu jgħin dwar dan. *Publiċità għall-miżura.*

5.15 Il-Viċi Sindku informa wkoll li wieħed mill-membri tas-sottokumitat tiegħu, is-Sur Galea Souchet qiegħed janalizza t-toroq fejn jista' jinqaleb in-naħa tal-parkeġġ biex Tas-Sliema tiggwadannja aktar *parking bays*. Eventwalment tkun infurmata TM b'kemm il-Kunsill ikun jista' jiggwadanja *parking bays*. *Analiżi f'toroq għal aktar parking bays.*

5.16 Il-Vici Sindku qal li t-tabelli b'kollox jistgħu jiswew lill-Kunsill madwar €20,000. *Stima tat-tabelli.*

*Il-Kunsillier M. Briguglio ġie skużat li jitlaq mis-seduta fid-21.39.*

5.17 Is-Sindku qal li kien staqsa jekk għal Ġnien Bonello Dupuis il-Kunsill jistax jagħmel (*reverse osmosis*). Dwar dan intbagħatet email lill-Ministru responsabbli minn WSC, fejn għaddiet ukoll għand iċ-COE ta' WSC, fejn intalab li jekk hemm xi materjal u apparat li mhux jintuża mir-*Reverse Osmosis* tal-WSC, ikunx jista' jintrama apparat żgħir għall-użu tal-ġnien. Madanakollu kien infurmat lura li dan mhux possibli filwaqt li l-ispiża (*running cost)* kienet titla' wisq. Għalhekk kien suġġerit li minflok jissaffa ilma li jintrema (*waste water)*. Is-Sindku fakkar li ftit ilu f'din is-seduta l-Kunsill qabel li għandu jikteb għall-kumpens ta' finanzi minħabba li l-manutenzjoni ġiet imposta fuqna mingħajr ma konna preparati. *Ġnien Bonello Dupuis – Reverse Osmosis.*

5.18 Il-Kunsillier P. Portelli qal li se jagħmel avviż fuq il-*magazine* tal-Kunsill għal dawk ir-residenti li jixtiequ jgħinu lill-Kunsill permezz ta' servizz *Magazine tal-Kunsill*

volontarju. Fakkar ukoll lill-Kunsilliera li l-artikli għandhom jintbagħtu sal-ewwel ġimgħa ta' Settembru 2012.

5.19 Il-Kunsillier P. Portelli qal li l-Kunċert li kien se jsir fis-Sajf ġie pospost għal żmien il-Milied fit-Teatru tas-Sależjani. Appella lill-Kunsilliera biex jagħtu daqqa t'id kemm jista' jkun. *Kunċert propost għall-Milied.*

5.20 Il-Kunsillier P. Portelli informa lill-Kunsilliera preżenti dwar id-*disposable ashtrays* forma ta' *cone* fejn dawn jistgħu jinxtraw minn *website* partikolari. Il-Kunsillier Portelli ssuġġerixxa wkoll li l-Kunsill iġib *sponsor* fejn niktbu fuq dan il-*cone* stess l-isem tal-i*sponsor*. Il-Kunsillier P. Portelli għandu jinforma bil-prezzijiet. *Disposable Ashtrays.*

5.21 Il-Kunsillier P. Portelli semma wkoll li hawn *street painters* fejn qegħdin ipinġu fuq ħitan pubbliċi biex jagħtu ftit kulur. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni f'każ li jkun hemm post addatat f'Tas-Sliema. *Street painters.*

5.22 Il-Kunsillier P. Portelli informa li s-sotto kumitat fir-responsabbiltà tiegħu ippropona li għas-sena dieħla ninfurmaw lill-Baned ta' Tas-Slilema li l-Kunsill (jiddependi mill-Baġit) ikun jista' jinvolvihom aktar fl-attivitajiet tiegħu u li jittama li jkun jista' jalloka madwar €7,500 għall-involviment tal-ħames għaqdiet. Kien hemm qbil dwar dan. *Aktar involviment mal-Baned ta' Tas-Sliema.*

## 6. IMPJIEG TA' SKRIVAN/A

6.1 L-a/SE informa li qabel din is-seduta saru diversi *interviews* u ġew *short listed* ħames applikanti. Huwa qal li dan sar ukoll bl-iskop li s-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid ikun involut direttament fl-għażla wara li jkunu ġew eliminati l-maġġoranza tal-applikanti.

## 7. OFFERTI (*TENDERS*) – WEBSITE, TOROQ ETC

7.1 l-offerti tal-website se jiġu ġġudikati f'seduta oħra wara li l-Kunsillier Portelli jagħmel l-evalwazzjoni tiegħu. *Website.*

7.2 Il-Kunsillier P. Radmilli staqsa jekk il-Kunsill jistax isejjaħ għall-offerta għall-ammont ta' *litter bins* magħluqin u jistgħux ikunu addattati għal skart isseparat. Meta staqsa l-a/SE intqal li l-ammont ta' litter bins ikun ta' madwar 100 sa 150. L-a/SE informa li dan kien ammont kbir ħafna u li probabbilment il-finanzi tal-Kunsill ma jippermettux għaliex miżerjament wieħed qiegħed jitkellem fuq spiża ta' madwar €45,000. *Litter bins – separazzjoni tal-iskart.*

7.3 Il-Kunsillier Pillow ippropona li l-Kunsill għandu jagħmel kampanja biex wieħed jgħaffeġ il-fliexken tal-plastik qabel ma jarmihom ħalli ma jaħlux l-ispazju tal-kontenituri tal-iskart. *Kampanja 'Squash the bottle'.*

7.4 Il-Kunsillier P. Radmilli tkellem dwar problema li hemm fi blokka ta' apartamenti partikolari fi Triq Depiro ma' Triq Sant'Injazju fejn qegħdin joħorġu l-iskart tagħhom kull ħin u mhux qegħdin jinżammu regolamenti. Il-Kunsillier Radmilli staqsa jistax il-Kunsill jagħmel *bye laws* fejn jindikaw *Problemi ta' skart.*

li ma jistgħux joħorġu skart fuq il-bankina. Il-Kunsillier Radmilli qal ukoll li s-sidien ta' dawn l-appartamenti jaqblu li jsir xi tip ta' regola u lesti wkoll li jħallsu għall-iskip. L-a/SE qal li jkun importanti li s-sid jinfurmana li jaqbel ma' dan bil-miktub ħalli l-Kunsill ikun kopert u ma jidhirx li qiegħed jiddiskrimina residenti m'oħra. L-a/SE issuġġerixxa wkoll li jista' jsir tip ftehim bejn il-Kunsill u s-sid ta' din il-blokka. Il-Kunsill qabel li għandu jsir dan il-ftehim.

## 8. DWAL TAL-MILIED

8.1 Dwar id-dawl tal-Milied kien hemm qbil li, għal din is-sena, il-Kunsill m'għandux jiffoka fuq żona waħda biss kif sar qabel iżda għandu jikkonsidra wkoll żoni kummerċjali oħrajn. Qabel ukoll li għandu jinvolvi ż-żoni tal-parroċċi u li jaċċerta li d-disnn ikun ta' kwalità.

8.2 Il-Kunsill qabel ukoll fil-prinċipju li li fir-rigward taż-żoni kummerċjali għandu jiffinanzja fejn l-aktar li jikkontribwixxu billi jsib sistema ta' eżempju skont kemm joħorġu n-negozji joħroġ il-Kunsill sa ċertu limitu.

## 9. DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

9.1 Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tkun nhar il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012 fis-6 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum 13 ta' Settembru, 2012

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**